**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 14 ta' Marzu 2023

Rikors Numru: 127/2022/2 AL
*Fl-ismijet:*

**A B**

**vs**

**C B**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv 872/1993)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attur ta' nhar it-18 ta' Jannar 2023, li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

[1] Fol. 2.

1. *Illi l-partijiet qegħdin ghaddejjin minn dawn il-proceduri ta' firda personali sabiex inter alia tigi dikjarata s-separazzjoni personali bejniethom u sabiex jigi ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tigi likwidata l-istess u tinqasam bejn il-partijiet f'dawk il-kwoti mitluba mill-esponent.*

2. *Illi l-esponenti t-tnejn jahdmu u ghandhom introjtu separate minn ma' xulxin, tant li ilhom diversi xhur jghixu hajja separata wara li A B tat lok ghat-tkissir irrimedjazzli taz-zwieg bil-mohqrija, theddid, sevizzi, ingurji, vjolenza fizika u morali kif ukoll l-adulterju pperpetwat kontra l-esponent.*

3. *Illi gialadarba l-kontendenti qeghdin jghixu hajja separata l-esponent m'ghandux gharfien jew kontroll dwar x'obbligazzjonijiet jista' jkun li qieghda tassumi martu, u lanqas dwar l-attiv u l-passiv li jista' jkun qieghda taqla jew taljena l-istess martu.*

4. *Illi ghalhekk hemm lok li titwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, u dan naturalment minghajr preġudizzju għall-kwalsiasi pretensjoni li jista' jkollhom l-istess kontendenti fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti kif ezistenti sal-ġurnata li fiha tista tigi xolta b'ordni ta' din l-Onorabbli Qorti.*

5. *Illi l-insenjament gurisprudenzjali nostrali f'dan ir-rigward huwa assodat fis-segwenti bran:*

   *"Din il-Qorti dejjem uriet il-fehma li huwa propju fl-ambitu u fl-iskop tal-ligi illi meta l-hajja mizzewga tal-partijiet tispicca, konjugi ma jibqax igawdi l-frott tal-hidma tal-konjugi l-iehor. Huwa dan l-iskop, jew wiehed mill-iskopijiet, ghall-waqfien tal-komunjoni fi stadju bikri tal-proceduri tal-firma, ghaliex jista' jkun ta' pregudizzju ghal konjugi wiehed jekk il-komunjoni tal-akkwisti tibqa' vigenti u l-konjugi l-iehor jibqa' jgawdi l-frott tal-hidma tal-ewwel konjugi, minkejja li l-hajja matrimonjali bejniethom tkun spiċċat".*[2]

[2] Francis Pisani vs Jacuqline Pisani, Rikors numru 168/2015 AL, deċiża fil-5 ta' Diċembru, 2018; Stephanie Attard vs Kenneth Attard, Rikors numru 188/2015/2 AL, deċiża fis-26 t'Ottubru, 2016; u Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri, Rikors Numru 71/15/1 AL, deċiża fil-15 ta' Marzu, 2018.

6. *Illi ma teżiti ebda raġuni valida għalfejn il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet għandha tibqa' in vigore pendenti dawn il-proċeduri, b'dan li anzi huwa fl-interess tal-partijiet kollha li jillimitaw il-litiskonsorzju ghall-komunjoni kif eżistenti s'issa, minghajr il-possibilita' li jinqalghu u jigu kreati kwistjonijiet ġodda li jafu jikkumplikaw u jiddelungaw il-process gudizzjarju odjern.*

*Ghaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, ai termini tal-Artikolu 55(1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa fil-liġi, l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti fit-termini hawn fuq premessi, u tawtorizza lill-esponent jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'tali ordni ta' waqfien tal-komunjoni.*

Rat id-digriet tal-Qorti datat it-18 ta' Jannar 2023, fejn ġiet ordnata n-notifika tal-atti lill-kontroparti bil-fakolta' li twieġeb permezz ta' risposta entro ħamest' (5) ijiem utli minn dakinhar tan-notifika;[3]

Rat ir-risposta tal-konvenuta A B tas-27 ta' Jannar 2023, fejn ġie eċċepit:[4]

*Illi l-kommunjoni tal-akkwisti hija ormai definita stante illi din tikkonsisti f'numru ta' propjetajiet kif ukoll erbgha kumpaniji mqabbla tajjeb fis-Socjeta mobbli fid-dar matrimonjali u kull propjeta illi jipposedu l-partijiet kif ukoll krediti.*

*Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri jirrizulta b'mod car illi d-dhul tal-partijiet inkluz il-manteniment tar-rikorrenti u binthom D B li ghad ghandha sittax-il sena jiddependi ghal kollox fuq il-konvenut li ghalkemm ivvaka mid-dar matrimonjali xorta wahda qieghed jirrisjedi gewwa propjeta ohra li tappartjeni lil komunjoni.*

*Illi r-rikorrenti ghandha interess skond il-permess u dritt illi tkun involuta fil-atti kummercjali u civili flimkien mal-konvenut sakemm is-separazzjoni taghhom tiehu l-kors taghha u ghalhekk hemm diversi ragunijiet ghala tale talba ghal dikjarazzjoni ta' xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi opposta.*

[3] Fol. 4.
[4] Fol. 6.

*Illi din it-talba qieghda tintalab waqt illi lanqas ir-rapprezentanti tal-Banek ma ghadhom gew imharrka sabiex jixhdu dwar il-kontijiet bankarji f'isem il-partijiet rigwardanti l-assi tal-kommunjoni u ghalhekk ghadu ma giex stabbilit il-gid u d-dejn jekk hemm tal-kommunjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti.*

*Illi l-kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet ghandha l-iskop illi l-attrici ma tibqax izjed fi stat ta' kommunjoni mal-konvenut kif jidher mir-rikors promotur izda sabiex jintlahaq dan l-iskop hemm bzonn illi jsiru il-likwidazzjonijiet u qasmiet ta' l-assijiet hemm imsemmija u primarjament il-likwidazzjoni u qasma tal-kommunjoni tal-akkwisti bejn A B u C B. Di piu din kienet il-kwestjoni principali bejn il-kontendenti u ghalhekk kellha tinghalaq il-medjazzjoni u tinfetah din il-kawza.*

*Illi ghalkemm l-Artikolu 55(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi l-Qorti tista' f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda fuq talba ta' wiehed jew l-ohra mill-mizzewgin tista tordna l-waqfien tal-kommunjoni tal-akkwisti jew tal-kommunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tezisti bejn il-mizzewgin xorta wahda l-Qorti ghandha l-obbligu illi tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-kommunjoni qabel is-sentenza ta' firda.*

*Illi jekk din l-Onorabbli Qorti ser teccedi ghat-talba tal-konvenut ir-rikorrenti mhux ser tkun lehqet giebet a konjizzjoni ta' din il-Qorti l-beni kollha illi jezistu bejn il-partijiet u stante illi hawnhekk ghandna wkoll xenarju ta' zewg kumpaniji kummercjali li ghadhom joperaw regolarment fejn hemm anke t-tfal tal-partijiet bhala shareholders/diretturi, ikun aktar ghaqli illi jingiebu prova tal-istess quddiem din l-Onorabbli Qorti jew assistant gudizzjarju kif appuntat minnha sabiex il-qasma ssir gustament u minghajr ebda pregudizzjoni lejn l-partijiet jew xi had minnhom jew lejn l-ulied.*

*Illi jekk kellha tintlaqa t-talba ghax-xoljiment tal-kommunjoni ir-rikorrenti u bintha ser ibatu pregudizzji kbar hemm li anke l-manteniment taghhom li qed jinghata bhalissa jista jigi affettwat jekk jiehu kontroll assolut tal-kumpaniji u l-propjetajiet anke li jinsabu that kera il-konvenut.*

*Illi tajjeb li jigi notat illi l-konvenut ikkommetta diversi atti ta' vjolenza domestika fuq martu ricentament tant illi saru zewg rapporti mal-Pulzija Ezekuttiva tad-*

*Depot kif hawn annessi u mmarkati bhala Doc A u B kif ukoll saret sfida lil Kummissarju fuq theddida illi r-rikorrenti giet mormija barra mid-dar matrimonjali fejn qed tirrisjedi bhalissa barra t-triq msawwta u bil-pigama tas-sodda. Di piu l-konvenut ihoss illi ghandu jedd kbir fuq martu tant illi qabad u dahal gewwa l-proprjeta illi qed tghix fiha r-rikorrenti gewwa l-Fgura u anke kkommetta serq ta' arlogg taghha tad-deheb.*

*Ghaldqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti qieghda topponi illi f'dan l-istadju dan l-Onorabbli Qorti tilqa tale talba stante illi ghadhom ma bdewx il-provi tal-partijiet u anke jidher minghajr dubju ragjonevoli illi r-rikorrenti u bintha ser ibatu pregudizzju sproporzjonat jekk il-Qorti ma taghrafx ezatt l-assi li hemm bejn il-partijiet qabel ix-xoljiment.*

*Tant ir-rikorrenti tissottometti ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti*

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.[5]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Il-Qorti għandha quddiemha talba min-naħa tal-konvenut A B sabiex pendenti l-kawża bejn il-partijiet tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom, hekk kif il-konvenut stess jikkontendi *"t-tnejn jahdmu u ghandhom introjtu separate minn ma' xulxin, tant li ilho diversi xhur jghixu hajja separata (...). Illi gialadarba l-kontendenti qieghdin jghixu hajja separata l-esponent mghandux gharfin jew kontroll dwar x'obbligazzjonijiet jista' jkun li qieghda tassumi martu, u lanqas dwar l-attiv u l-passiv li jista' jkun queghda taqla' jew taljena l-istess martu."*.

Min-naħa l-oħra, l-attriċi topponi għat-talbiet tal-konvenut minħabba allegat preġudizzju sproporzjonat illi ser issofri f'każ li l-Qorti tilqa' t-talbiet kif dedotti

[5] Fol. 8.

u dan abbażi tal-fatt li l-kawża għadha fi stadju bikri tant illi għadhom lanqas biss bdew jinġabru l-provi u b'hekk għadu ma ġiex stabbilit fiex tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti, allegatament numru ta' proprjetajiet, kumpaniji, mobbli u krediti, kif ukoll tal-fatt li dan l-aħħar il-konvenut ta lok għal diversi atti ta' vjolenza kontra martu. Għalhekk skont l-attriċi, f'każ li t-talba tal-konvenuta tiġi akkolta, hija ser isofri preġudizzju sproporzjonat.

## 2. Prinċipji Legali:

F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55 subinċiż 1 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta' li f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda personali, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata. L-istess Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi s-segwenti:

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien talkomunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn ilpartijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

In sinteżi, l-iskop tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi delinejat fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**,[6] fejn ġie mgħallem illi: *"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba għall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

Dan kompla jiġi kkonfermat riċentament fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Pisani vs Joseph Pisani**,[7] fejn il-Qorti tal-Appell kompliet tirriafferma illi *"dak li trid il-ligi huwa li kull parti pendenti l-proceduri tas-separazzjoni jkollha l-fakolta` li jekk trid tista' titlob il-waqfien tal-komunjoni u li din it-talba m'ghandhiex tintlaqa' biss jekk il-Qorti tara li bil-waqfien tal-komunjoni parti jew ohra tkun*

[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu 2014.
[7] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' Ottubru 2019.

*ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat. Ghalhekk dak li hu sostanzjalment relevanti huwa d-dritt moghti lill-parti biex jaghmel talba simili u li tali talba ma tintlaqax jekk fic-cirkostanzi tal-kaz il-waqfien ser jikkaguna pregudizzju mhux proporzjonat lil parti l-ohra".*

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dorianne Sammut vs Charles Sammut**,[8] fejn kompla jiġi affermat illi: *"Fi kliem iehor il-pregudizzju irid ikun sproporzjonat fis-sens li mhux kull pregudizzju jaghti lok ghal cahda ghat-talba in kwistjoni. Huwa evidenti ukoll li l-ghan tal-legislatur, certament konxju kemm jistghu jitwalu vertenzi simili, kien li tieqaf kemm jista' jkun malajr il-komunjoni tal-akkwisti biex ghall-inqas f'dan l-aspett, il-partijiet ikunu jistghu ikomplu jghixu hajjithom separatament gialadarba l-konvivenza bejniethom mhijiex aktar possibli. L-appellanti gia kellha erba' snin qabel id-decizjoni appellata (u issa sitt snin) biex tressaq il-provi taghha u din il-Qorti hija konsapevoli ukoll ta' kemm idumu ghaddejjin dawn il-vertenzi hafna drabi minhabba lusingar tal-partijiet biex iressqu l-provi kollha taghhom".*

### 3. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

Il-Qorti tibda sabiex *in primis* tara illi l-partijiet iżżewġu fis-7 ta' Ġunju 1993, u għandhom erbat (4) itfal, li minnhom waħda biss għadha minorenni. Bħalissa bejn il-partijiet kawża ta' separazzjoni, hekk mibdija mill-attriċi nhar it-13 ta' Ġunju 2022, fejn il-konvenut flimkien mar-risposta ġuramentata ntavola ukoll kontro-talba. Mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-partijiet għadhom ma bdewx iresqu l-provi tagħhom, u saħansitra sallum lanqas ma jidher li ġie ppreżentat l-affidavit tal-attriċi, u dan minkejja d-digriet tal-Qorti ta' nhar il-21 ta' Lulju 2022.[9] Konsegwentament nhar is-16 ta' Jannar 2023, il-konvenut ippreżentat rikors u talab lil din il-Qorti sabiex tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. L-attriċi wieġbet nhar is-27 ta' Jannar 2023, u b'digriet mogħti fit-30 ta' Jannar 2023 il-Qorti appuntat ir-rikors għas-sentenza għal-llum, u dan ġialadarna li ħadd mill-partijiet ma talab sabiex il-Qorti tagħti l-opportunita` li jitressqu provi qabel tagħti s-sentenza odjerna.

Stabbilit il-premess, il-Qorti tissottolineja illi meta rinfaċċjata b'rikors ta' din in-natura hija marbuta permezz tal-Artikolu 55 subinċiż 4 tal-Kodiċi Ċivili li, qabel

---

[8] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju 2019.
[9] Fol. 13 tal-proċess bin-numru 127/2022 AL.

tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, hija għandha teżamina u tara jekk xi parti jew oħra tkunx sejra tbati xi preġudizzju mhux proporzjonat b'tali waqfien pendenti l-kawża. Fil-fehma tal-Qorti jidher illi l-ilmenti tal-attriċi huma maqsuma fi tnejn:

i. *Il-kawża għadha fi stadju bikri tant illi għadhom lanqas biss bdew jinġabru l-provi u b'hekk għadu ma ġiex stabbilit fiex tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti, allegatament numru ta' proprjetajiet, kumpaniji, mobbli u krediti:*

Fir-rigward tal-kwistjoni li talba ta' din in-natura saret b'mod prematur hekk kif għadhom ma bdewx jitresqu provi dwar dak li jappartjeni r-reġim viġenti bejn il-partijiet u b'hekk hemm nuqqas ta' rendikont dwar l-istess, il-Qorti tibda billi tisottolineja illi t-talba in kwistjoni ma saritx b'mod prematur. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Etienne Hayman vs Amanda Hayman**,[10] ġie ribadit illi:

*"Ma hemm l-ebda dubju li l-kawza għall-firda personali għadha fi stadju bikri sew, madanakollu dan l-istat ta' fatt ma għandux iwaqqaf lil xi parti milli titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. Artikolu 55 subinċiż 1 tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi illi tali talba tista' ssir "f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda" mingħajr ma ssir distinzjoni jekk tali talba għandhiex issir fil-bidu nett, f'nofs il-proceduri waqt l-istadju tal-ġbir tal-provi, jew fi tmiem tagħhom".*

Fil-kaz odjern jirriżulta ċar illi t-talba tal-konvenut saret matul is-smigħ tal-kawża tal-firda personali u għaldaqstant ma hemm l-ebda dubju illi saret skont l-intendiment tal-leġizlatur u fil-parametri tal-liġi. Dan ġie riċentament ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Bridgette Attard vs Saviour Attard**,[11] fejn ġie ribadit illi:

*"7. Il-fatt li jkunu għadhom ma nġabrux il-provi fuq il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti mhuwiex ta' ostakolu sabiex jintalab it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Għalkemm il-konvenuta tgħid li żewġha dejjem ħeba l-assi tiegħu, din għadha biss allegazzjoni. Ukoll jekk dik l-allegazzjoni tiġi ppruvata, ma jfissirx li t-terminazzjoni tal-komunjoni f'dan l-istadju ser twassal għal xi preġudizzju sproporzjonat għall-attriċi. L-attriċi tilmenta li peress li ma tafx f'hix tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti, mhijiex f'pożizzjoni li tikkawtela l-assi*

[10] Deċiza mill-Qorti tal-Familja, nhar it-22 ta' April 2021, (Rik. Nru. 225/2020/2AL), mhux appellata.
[11] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, nhar it-12 ta' Mejju 2022 (App. Nru. 206/2020/3 AL).

*tagħha peress li għadhom mhumiex determinati. Pero' jekk ma tafx, il-problema xorta teżisti f'każ li t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ma ssirx issa".*

Barra minn hekk il-Qorti tissottolineja ukoll, illi f'dan il-każ in eżami, minkejja l-attriċi tittenta tikkonvinċi lill-Qorti dwar il-preġudizzju sproporzjonat li ser tbati f'każ li t-talba tal-konvenut tiġi akkolta, u dan stante illi *"mhux ser tkun lehqet giebet a konjizzjoni ta' din il-Qorti l-beni kollha li jeżistu bejn il-partijiet u stante illi hawnhekk ghandna wkoll xenarju ta' zewg kumpaniji kummercjali li ghadhom joperaw regolarment fejn hemm anke it-tfal tal-partijiet bhala shareholders/diretturi",*[12] u għalhekk kompliet tisħaq illi "*ikun iktar ghaqli illi jingiebu prova tal-istess quddiem din l-Onorabbli Qorti jew assistant gudizzjarju kif appuntat minnha sabiex il-qasma ssir gustament u minghajr ebda pregudizzjoni lejn il-partijiet jew xi had minnhom jew lejn l-ulied",*[13] il-Qorti tara illi:

a. Kieku verament jeżisti dan il-preġudizzju sproporzjonat, ma kien hemm xejn xi jxekkel lill-attriċi milli tannetti l-provi neċessarji, jew *se mai* kienet titlob lill-Qorti sabiex tagħtiha l-opportunita` tressaq provi, talba speċifika li setgħet issir qabel id-data tas-smigħ u wkoll waqt is-seduta qabel il-Qorti qrat din is-sentenza, u,

b. L-attriċi fl-ebda mument fir-risposta tagħha ma semmiet illi: (i) jeżisti dejn gravanti l-komunjoni ossija dejn partikolari tal-partijiet u/jew tal-kumpaniji msemmija, u/jew, (ii) li ma tinsabx f'pożizzjoni li tħallas tali dejn tenut kont tal-introjtu tagħha tant li l-qligħ ipperċepit mill-konjuġi b'mod konġunt qiegħed iservi sabiex iħallas id-dejn pendenti.

Għalhekk, fin-nuqqas tas-suespost u tenut kont li tali talba saret waqt is-smigħ tal-kawża, il-Qorti ma tarax illi l-oġġezzjoni tal-attriċi hija fondata.

*ii. <u>Dan l-aħħar il-konvenut ta lok għal diversi atti ta' vjolenza kontra martu:</u>*

Dan l-allegat aġir ma jiċċentrax f'talba għat-terminazzjoni tar-reġim matrimonjali tal-komunjoni tal-akkwiti. Magħdud ma dan, il-Qorti tara illi minkejja li l-attriċi ssottomettiet illi mar-risposta tagħha annettiet dokumenti sabiex jikkorraboraw l-

[12] Fol. 7.
[13] *Ibid,*

istess, mill-atti jirriżulta li dawn ma ġewx ippreżentati. Lanqas li kieku dawn ġew ippreżentati u l-allegazzjoni tal-attriċi ġiet ippruvata, l-attriċi ma spjegatx kif dan jista' jwassal għal preġudizzju sproporzjonat f'każ li l-komunjoni tal-akkwisti tiġi tterminata, u fin-nuqqas ta' dan, il-Qorti mhijiex ser toqgħod tispekula. Għalhekk, lanqas tali oġġezzjoni ma hija fondata.

Stabbilit il-premess, il-Qorti ma tarax illi għalhekk l-oġġezzjoni tal-attriċi hija valida u l-preġudizzju vvantat minnha huwa altru milli wieħed li jippreġudika l-pożizzjoni tagħha. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tinsabx sodisfatta li l-attriċi resqet dik il-prova sal-grad rikjest mil-liġi illi huwa verament ser isofri minn preġudizzju sproporzjonat f'każ li titwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti tirribadixxi l-insenjament kif elenkat fis-sentenzi fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi** u **Claire Pisani vs Joseph Pisani**, ċitati *supra*, u ċjoe' li min ikun qiegħed jallega li ser isofri preġudizzju mhux proporzjonat għandu jġib tali prova, għandu japplika ukoll għar-rikors odjern. Magħdud ma' dan u fis-sentenza **Jael Cassar vs Robert Cassar**,[14] ġie ritenut illi *"Eżami tal-artikolu 55(4) juri illi mhux kull preġudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni għal sentenza in parte għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bħala ostakolu għall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-sub-inċiż 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti għandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati "preġudizzju mhux proporzjonat".*

Għaldaqstant, u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, ma hemmx dubju għal din il-Qorti illi l-ħajja miżżewġa ta' bejn il-partijiet spiċċat definittivament, fejn il-partijiet qegħdin jgħixu ħajja indipendenti minn xulxin, u ma jidhirx li hemm wisq prospett ta' rikonċiljazzjoni bejniethom, tant li l-medjazzjoni bejniethom ma rnexxietx u ġiet ippreżentata azzjoni legali. Il-Qorti ittenni l-prinċipju li dejjem[15] ħaddnet u ċjoe' illi dak li sal-lum huwa formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa' hekk sakemm ikun hemm il-likwidazzjoni u l-qasma tal-proprjeta` tal-partijiet. Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ronald Asciak vs Antonia Asciak**, fejn ingħad illi *"l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat, b'mod li dak li setghu ghamlu z-zewg partijiet qabel id-data li fiha tkun inghatat l-ordni ma jippregudikax is-sehem taghhom*

[14] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-3 ta' Diċembru 2013.
[15] *Vide* f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Philip Caruana vs. Gemma Caruana** (Rikors 207/17/1AL) deċiża fis-16 ta' Mejju 2018 u **Michelle Gaffiero vs. Jesmond Gaffiero** (Rikors 223/17/1AL) deċiża fis-7 ta' Marzu 2018;

*mill-istess komunjoni. Ilpartijiet ghandhom id-dritt li jibqghu jressqu provi dwar l-assi tal-komunjoni ezistenti sa dik id-data, anke wara li tkun inghatat l-ordni tal-waqfien".*[16]

Għalhekk il-Qorti tara pjuttost illi tali terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti abbażi ta' dak dikjarat mill-konvenut fir-rikors odjern, ser ikun ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet. Il-Qorti hi tal-fehma li effettivament jekk il-Qorti tilqa' t-talba tal-konvenut ħadd mill-partijiet mhu ser isofri xi preġudizzju sproporzjonat u dan peress li kif diġa' ġie premess iktar 'il fuq, kull parti tista' tkompli ttella' l-provi rigward l-assi, kemm dawk parafernali u kif ukoll dawk appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, fejn konsegwentament il-Qorti tgħaddi sabiex tipprovdi rigward dan fis-sentenza finali meta tigi biex tillikwida u tassenja l-assi formanti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, wara li jkunu nġabru l-provi kollha.

**DEĊIDE:**

GĦALDAQSTANT u fir-rigward tar-rikors odjern, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet kollha tal-attriċi, u tgħaddi sabiex tilqa' it-talba tal-konvenut u tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejn il-partijiet b'mod immedjat u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, b'dana illi r-reġim matrimonjali li għandu japplika bejn il-partijiet mill-ġurnata li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat huwa dak tas-separazzjoni tal-beni; tordna ukoll lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien ġimgħa minn mindu din is-sentenza preliminari tgħaddi in ġudikat, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-istess sentenza sabiex ikun jista' jirreġistraha ai termini tal-Artikolu 55 subinċiż 5 tal-Kodiċi Ċivili.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza *in parte* jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

[16] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Diċembru 2019.